SANTA LUĊIJA

MINUTI

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Santa Luċija**

**Is-Seba' Leġislatura**
**Laqgħa Numru 55-19**

**26 ta' Marzu 2019**

Il-Kunsill Lokali ta' Santa Luċija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol Santa Luċija fil-5.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Terrence Ellul – Sindku
Frederick Cutajar – Viċi Sindku
Joe Bonello – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Il-Kunsillier Liam Sciberras
Il-Kunsilliera Caroline Galea

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Caroline Silvio – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Terrence Ellul ippresjeda l-laqgħa.

**55.1 Qari ta' ittri ta' apoloġiji**

Is-Sindku qara l-ittri ta' apoloġiji tal-Kunsilliera Liam Sciberras u Caroline Galea.

**55.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa numru 53-19**

**55.2.1 *Proposta ta' Bus Terminus f'Dawret it-Torri***

Is-Sindku rrefera għall-minuta 5.3.5 tal-Laqgħa preċedenti u nforma l-Kunsill li minn informazzjoni li għandu minn Transport Malta jidher lir-rotta l-ġdida ser tibda bejn l-aħħar ta' April u l-bidu ta' Mejju 2019. Qamet diskussjoni fuq il-bankina ta' quddiem id-djar ta' quddiem il-knisja u ġie deċiż li jinbidel il-wiċċ u tidjieq ħalli jkun hemm post għal aktar *parking*. Il-Kunsill qabel li l-perit għandu jintalab iħejji *sketch* ħalli ssir applikazzjoni lill-Transport Malta fuq din il-proposta.

**55.2.2 *Suġġeriment numru 05-2019***

Il-Kunsillier Bonello rrefera għall-minuta 53.4.11 u staqsa lis-Sindku jekk kienx kellem lil Transport Malta dwar is-suġġeriment ta' residenti dwar il-ħruġ minn Santa Luċija għal fuq Xintill Roundabout. Is-Sindku wieġeb li kien kellem lil Transport Malta u kellhom jiġu jgħattu t-tabelli. Il-Viċi Sindku qal li Transport Malta għandha tintalab biex issir mera fuq l-arblu li hemm faċċata.

**55.2.3 Approvazzjoni tal-Minuti**

Il-Minuti tal-Laqgħa numru 53-19 ġew approvati mill-Kunsill.

**55.2.4 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa numru 54-19-Laqgħa Msejħa b'Urġenza**

**55.2.5** Il-Minuti tal-Laqgħa 54-19 ġew approvati mill-Kunsill.

**55.3 Affarijiet Finanzjarji u Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti**

**55.3.1 *Kwotazzjoni għal xogħol fuq tibjied tal-Librerija Pubblika***

Il-Kunsill approva spiża ta' €485.00 biex isir xogħol ta' tikħil u tibjid tal-Librerija Publika ta' Santa Luċija. Il-Kunsill qabel ukoll li fl-Annex tal-Kunsill isir il-*membrane* fejn hemm problema kawża tal-ilma tax-xita.

**55.3.3** ***Approvazzjoni tal-iskeda ta' Pagamenti***

Il-Kunsill approva l-Iskeda ta' Pagamenti numru CM55-19 għall-perjodu bejn il-11 ta' Frar 2019 u l-21 ta' Marzu 2019 u minn *cheque* numru BOV 7518 sa *cheque* numru BOV 7566.

**55.4** **Kommunikazzjonijiet mis-Sindku**

**55.4.1** **Proposta Kors tal-Arti**

Il-Kunsill approva inizjattiva li saret minn ex-għalliem gradwat fl-Arti li offra li jmexxi kors tal-Arti għat-tfal u kbar. Il-Kunsill iddiskuta din l-inizjattiva u laqgħa din il-proposta. Il-Kunsill qabel li għandha issir laqgħa ma' dan l-għalliem biex jiġu stabbiliti d-dettalji kollha ħalli jkun jista' jinħareġ l-avviż ta' din l-inizjattiva.

**55.4.2** **Ittra minn Residenta dwar Wied Garnaw u x-xogħol fuq toroq rurali**

Il-Kunsill iddiskuta *e-mail* li jċieva mingħand residenta liema *e-mail* kienet titkellem dwar diversi mistoqsijiet fir-rigward ta' xogħol fuq toroq rurali u Wied Garnaw. Is-Sindku qal li l-entitajiet responsabbli mill-Ambjent ilhom tlett snin jistennew permess biex isiru xogħolijiet marbuta ma' manutenzjoni u tindif ta' ħitan u *culverts* f'dawn it-toroq. Qamet diskussjoni u fir-rigward tal-*castor oil plants* ġie propost li dawn jistu jitneħħew mill-kuntrattur tal-Kunsill. Ġie innutat ukoll li s-siġar tal-bajtar mhux qed jiġu kkunsidrati bħala siġar invasijvi.

**55.4.3** ***Project Funds***

Saret referenza għall-*project funds* lir-Reġjun qed jalloka għall-Kunsilli membri, b'mod partikulari għal €18,000 li jridu jintefqu sa l-aħħar ta' Mejju 2019. Ġie nutat li l-Kunsill kien diġa ppropona li dawn il-fondi jintużaw biex jinbidel ir-*rubber matting* fil-*playing field* u jsir il-*fencing* mal-perimetru ta' l-istess *playing field*. Il-Kunsill kompla jiddiskuti u qabel li jkun aħjar kieku dawn il-fondi jintużaw biex tiġi rranġata l-bankina f'Dawret it-Torri. Il-Perit tal-Kunsill għandu jiġi nkarigat biex iħejji din il-proposta ħalli jinġiebu l-permessi neċessarji.

**55.4.4** ***Robotica TCTC***

Il-Kunsill iddiskuta proposta biex isiru *courses* tal-*computer* għat-tfal ta' etajiet diversi fis-Sajf 2019. Il-Kunsill qabel li biex jidħol għal din l-inizjattiva, li għaliha qed jintalab ħlas ta' €1150.00, irid ikollu konferma li hemm numru ta' tfal li lesti jipparteċipaw. Għandu jsir kuntatt mal-organizzaturi f'dan ir-rigward.

**55.4.5** ***Call for Proposals – Art in Public Spaces Programme 2019-2021***

Il-Viċi Sindku tkellem dwar l-inizjattiva Art in Public Spaces u dwar proposta ta' artist lokali li qed jipproponi li japplika għal din l-inizjattiva bi skultura ta' madwar żewġ metri li tista titqiegħed minflok l-istatwa li nkisret fil-Picnic Area. Qamet diskussjoni u l-Kunsill qabel li jikkordina ma' dan l-iskultur fuq din l-inizjattiva.

**55.4.6** ***Talba għal użu ta' Ġnien is-Serenita' għall-attivita'***

Il-Kunsill iddiskuta talba għal użu ta' Gnien is-Serenita' u l-Picnic Area minn kumpanija li kienet interessata biex torganizza attivita bil-Ġnien magħluq għall-pubbliku. Il-Kunsill iddiskuta din il-proposta u qabel li għandu japplika l-ħlas dovut għal użu tal-Ġnien, bil-Ġnien magħluq għall-pubbliku jew €200.00 għal użu tal-Picnic Area.

**55.4.7** ***Cirkulari SPI 05-2019-Rebbiegħa fil-Kommunita'***

Il-Kunsill iddiskuta l-proposta marbuta ma' din iċ-ċirkulari u għażel li jipparteċipa b'dawn it-toroq kif ġej:

- Triq Gardenja u Pjazza Dorell
- Triq il-Lellux u Pjazza fi Triq il-Ġilju u Fresja.

Il-Kunsill qabel li dawn it-toroq jiġu mżejna bi fjuri fil-gallarijiet u pjazzez magħżulha u qabel ukoll li għandu jitlob l-involviment tar-residenti, b'mod volontarju, fuq din l-inizjattiva.

**55.4.8** ***Cirkulari SPI 12-2018-Ħajja aħjar permezz ta' Eżerċizzju Fiżiku u Sport***

Is-Sindku irrefera għaċ-ċirkulari hawn fuq imsemmija u qal li l-Kunsill ser jiġi allokat is-somma ta' €1636.25 biex iwettaq il-proposta tiegħu taħt din l-inizjattiva**.**

**55.4.9** ***Crossover***

Is-Sindku irrefera għal proġett Crossover u staqsa min jista' jattendi u jirrappreżenta l-Kunsill fuq dan il-proġett li qed isir minn fondi ta' l-Unjoni Ewropea. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li qed issir pressjoni mill-organizzaturi biex jintbgħat rappreżentant tal-Kunsill fuq it-tielet avveniment ta' dan il-proġett. Hija fakkret li hemm *commitment* minn naħa tal-Kunsill fuq dan il-proġett. Il-Kunsill qabel li dan mhux żmien ideali biex il-Kunsill jipparteċipa f'dawn l-inizjattivi peress li kulħadd huwa impenjat bil-kampanja tal-Elezzjonijiet Lokali li ser isiru ftit tal-ġimgħat oħra.

**55.4.10** ***Talba għal akkumulazzjoni ta' leave għas-sena 2020***

Is-Sindku nforma l-Kunsill li l-impjegata tal-Kunsill li għandha l-kariġa ta' Assistent Prinċipal ressqet talba biex tħalli xi ftit ġranet mill-*leave* ta' din is-sena biex tkun tista toħodhom fis-sena 2020 peress li għandha t-tieġ tat-tifla. Il-Kunsill laqgħa din it-talba u qabel li din l-impjegata tkun tista tħalli sal massimu ta' siegħat kif indikat fil-ftehim kollettiv tal-ħaddiema klerikali tal-Kunsill.

**55.4.11** **Tiżjin ta' Toroq bix-xemgħat fl-okkazjoni tal-Festa tal-Ġimgħa l-Kbira**

Il-Kunsill approva proposta tas-Sindku biex jinxtegħlu xemgħat fit-toroq fl-okkazjoni tal-Festi marbuta mal-Ġimgħa l-Kbira.

**55.4.12** **Xiri ta' kotba għal Price Day**

Is-Sindku qal li kienu nxtraw kotba għal Prize Day tal-iskola għal spiża ta' €57.00. Il-Viċi Sindku semma s-sala tal-iskola sekondarja u qal li din jista jkollha potenzjal akbar jekk tintuża sistema ta' *mechanised collapsable seating.* Huwa wera *video clip* ta' kif taħdem din is-sistema.

**55.4.13** **Tranġar ta' siġra tat-tamal fi Triq Bruka**

Is-Sindku tkellem dwar proposta li saritlu biex tiġi rranġata u miżbura siġra tat-tamal li hemm fi Triq Bruka. Huwa qal li l-ispiża nvoluta hija ta' €150.00. Saret diskussjoni u ġie deċiż li dan l-individwu għandu jikteb lill-Kunsill dwar din il-proposta.

**55.5** **Kuntratt Ref: SLLC RC(57-18-03) Ġbir ta' Skart**

Is-Sindku ressaq quddiem il-Kunsill ittra tal-kuntrattur li jagħti s-servizz ta' Ġbir ta' Skart sa minn Ġunju 2018. Is-Sindku qal li permezz ta' din l-ittra, dan il-Kuntrattur kien qed jinforma l-Kunsill li ma setax ikompli jipprovdi dan is-servizz u ta r-raġunijiet tiegħu għala kien qed jitlob li jinħall minn dan il-Kuntratt. Il-Kunsill iddiskuta din it-talba u aċċetta r-raġunijiet li ta l-kuntrattur biex itemm dan il-kuntratt. Il-Kunsill qabel li dan il-Kuntratt għandu jingħata lill-kuntrattur li tefa' t-tieni l-orħos offerta fuq is-sejħa li kienet saret bis-sistema tal-*epps*.

**55.6** **Kuntratt Re: SLLC PC (57-19-01) Żamma u Manutenzjoni ta' Latrini Pubbliċi**

Is-Sindku qal li bħalissa qed issir l-evalwazzjoni tal-Kuntratt hawn fuq imsemmi. Huwa qal li diġa kien hemm laqgħa tal-kumitat tal-evalwazzjoni u huwa mistenni lir-rapport tal-evalwazzjoni jiġi mressaq għall-laqgħa tal-Kunsill ta' April 2019.

**55.7 Kuntratt Ġbir ta' Skart Goff**

Is-Sindku semma is-sejħa li saret fuq is-sistema tal-epps għal kuntratt ta' servizz għal ġbir ta' skart goff. Huwa qal li għal din is-sejħa kien hemm offerta hija dik ta' €4.75 kull sejħa. Huwa qal li importanti li l-kumitat tal-evalwazzjoni jiltaqa kemm jista' jkun malajr.

**55.8 Kuntratt SLLC SS(57-19-02) Kuntratt għal Knis u Tindif ta' Toroq b'Ħarsien lejn l-Ambjent**

Il-Kunsill iddiskuta l-Kuntratt hawn fuq imsemmi li jiskadi fl-aħħar ta' Ġunju 2019. Issemmew sistemi ta' knis mekkanizzati u il-kundizzjonijiet li għandu jitlob il-Kunsill fuq din is-sejħa. Il-Kunsill qabel li barra l-kundizzjonijiet il-Kunsill irid jara wkoll il-*costings* u l-*budget* għal dan is-servizz. Kien hemm qbil li fil-laqgħa li jmiss il-Kunsill għandu jiddiskuti aktar fid-dettal din is-sejħa u l-ispiża nvoluta u jieħu deċiżjoni dwar x'tip ta' servizz irid fuq dan il-kuntratt.

**55.9 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera**

**55.9.1** ***Mistoqsija tal-Kunsillier Liam Sciberras***

Il-Kunsillier Sciberras li staqsa fiex wasal il-Kunsill sabiex issir applikazzjoni għal fondi tal-Animal Welfare. Is-Sindku qal li l-Kunsill kiteb biex iġib informazzjoni u din l-informazzjoni baqgħet ma waslitx.

**55.9.2** ***Mistoqsija tal-Kunsillier Joseph Bonello***

Il-Kunsillier Joseph Bonello tkellem dwar ċint li sar fi Triq Inez Soler kantuniera ma' Triq iċ-Ċikwejra u staqsa għala t-tabella li tal-*one way* li ġiet imdawwra bil-maltemp għada ma ġietx irrangata. Is-Sindku qal li ser tingħata l-attenzjoni biex jitneħħa l-periklu.

**55.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fis-7.30p.m. Il-Laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tnejn, 15 ta' April 2019 fil-5.30p.m.

**Konfermati, illum il-__________, __ ta' ____________ 2019**

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATI** | **IFFIRMATI** |
| **Terrence Ellul** | **Caroline Silvio** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |